MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-12 ta' Lulju, 2007

Appell Kriminali Numru. 185/2007

Il-Pulizija
(Spt. M. Tonna)
vs.

Darrel Bruno

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli fil-11 ta’ Dicembru, 2006, f’dawn il-Gzejjer ingurja b’kitba jew b’disinji u cioe’ b’filmat li gie mxandar fuq il-Website “You Tube”, permezz tal-internet, imxandar jew espost ghall-pubbliku biex b’hekk seta’ jaghmel hsara jew ingurji ghal isem tal-iskola Junior College, Gann Frangisk Abela, Hamrun.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tas-27 t’April, 2007 li biha

ddikjarat il-kaz preskritt u dan bazi tal-Artikolu 688 (f) tal-Kodici Kriminali.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fil-15 ta’ Mejju, 2007, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata, tiddikjara l-azzjoni mhix preskritta, tisma' l-provi, ssib il-htija w tinfliggi l-piena skond il-Ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant Avukat Generali hu s-segwenti :- li l-filmat li certament kien qed jaghti isem hazin lill-Junior College gie esebit fit-11 ta' Dicembru, 2006, u kien irrilevanti meta kien sar l-incident li gie filmat . Inoltre l-Pulizija saret taf bl-awtur tar-reat li gie esebit ghall-pubbliku fit-12 ta' Dicembru, 2006, u ghalhekk kien applikabbli l-artikolu 692 tal-Kodici Kriminali.

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat;

Illi l-art. 692 tal-Kodici Kriminali jiddisponi li z-zmien tal-preskrizzjoni ghad-delitti ma jibdiex jimxi meta l-hati ma jkunx maghruf.

Illi l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellat tista' koncepibbilment tinkwadra ruha fit-termini tad-delitt kontemplat fl-art. 252 (1) u (3) tal-Kodici Kriminali u ghalhekk zgur mhux preskritta skond l-artikolu 688 (f) , imma se mai tkun preskritta skond l-artikolu 688 (e) u cioe' bil-passagg ta' sentejn mill-komissjoni tad-delitt;

Illi apparti dan jekk ir-reat il-Pulizija setghet issir taf bih biss fit-12 ta' Dicembru 2006, il-periodu tal-preskrizzjoni kien jibda jiddekorri minn dak in-nhar.

Ghalhekk l-appell tal-Avukat Generali jidher fondat.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-appell tal-Avukat Generali, tiddikjara li l-akkuza ma hix preskritta, u ghalhekk tirrevoka s-sentenza appellata, u biex ma tipprivax lill-partijiet mill-beneficcju tad-doppio esame, terga' tibghat l-atti processwali lill-Ewwel Qorti, biex il-kaz jerga' jinstema mill-gdid u jigi deciz skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------